22001D0048

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 48/2001

tat-30 ta' Marzu 2001

li temenda l-Anness XI (Servizzi ta' Telekomunikazzjoni) għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala "l-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XI għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 17/2001 tat-28 ta' Frar 2001 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/709/KE tas-6 ta' Novembru 2000 dwar il-kriterji minimi li għandhom jittieħdu kont tagħhom mill-Istati Membri meta jinnominaw korpi bi qbil ma' l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 1999/93/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar qafas tal-Komunità għal firem elettroniċi ([2]) għandha tiġi nkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jiġi mdaħħal wara l-punt 5g (Direttiva 1999/93/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) fl-Anness XI għall-Ftehim:

"5ga. **32000 R 0709**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/709/KE tas-6 ta' Novembru 2000 dwar il-kriterji minimi li għandhom jittieħdu kont tagħhom mill-Istati Membri meta jinnominaw korpi bi qbil ma' l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 1999/93/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar qafas tal-Komunità għal firem elettroniċi (ĠU L 289, tas-16.11.2000, p. 42)."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/709/KE fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar il-31 ta' Marzu 2001, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

([1]) ĠU L 117, tas-26.4.2001, p. 21.
([2]) ĠU L 289, tas-16.11.2000, p. 42.
(*) Ħtiġiet kostituzzjonali indikati.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, 30 ta' Marzu 2001.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND